# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta’ nhar il-Hamis 17 ta' Marzu, 2016

**Talba Nru:** 800/15 DMA

**Bank of Valletta p.l.c**
**C 2833**

**Vs**

**Laura Mizzi Eid**
**(ID. No. 29888M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Settembru, 2015 fejn il-bank attur talab illi, il-konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tlett elf, tlett mija u tlieta u disghin ewro u sitta u tmenin centezmu (€3,393.86), bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' taghha mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. 'A1' sa 'A2') flimkien mal-imghax ulterjuri mill-24 ta' Lulju, 2015, sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datat 16 ta' Ottubru, 2014 (Dok B), u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment.

Illi, interpellata sabiex thallas id-dejn fuq imsemmi, il-konvenuta baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi, is-socjeta' attrici qed tipprezenta wkoll affidavit skont il-Ligi hawn anness u markat Dok 'C'.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-15 ta' Marzu, 2015 u qas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2015 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett elf, tlett mija u tlieta u disghin ewro u sitta u tmenin centezmu (€3,393.86) bl-imghaxijiet legali mill-24 ta' Lulju, 2015, sal-jum tal-pagament effettiv.

L-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datat 16 ta' Ottubru, 2014, u tal-Mandat ta' Sekwestru, ikunu a karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**